StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2012**

Rotta 1

| Il-Ħames Klassi | Il-MALTI | L-Oral – It-Taħdita |
|---|---|---|

**(Il-Karta tal-Eżaminatur)**

***Dawn li ġejjin mhumiex "il-mistoqsijiet" li l-eżaminatur għandu jistaqsi lill-kandidati. Iżda dawn qed jingħataw bħala gwida jew spunt għal mistoqsijiet oħra u diskussjoni. Għalhekk, l-eżaminatur jista' jfassal mistoqsijiet u kummenti oħra li jistgħu jwasslu għall-istess għan.***

***Ftakar li l-eżaminatur irid jistaqsi biss mistoqsija waħda.***

**(6 marki: 2 marki għat-tagħrif li jingħata; 2 marki għall-għarfien; 2 marki għall-mod ta' espressjoni bil-Malti tal-istudent/a)**

IL-KULTURA: ASPETTI FOLKLORISTIĊI
- Xi tfisser il-kelma 'folklor' għalik?
- Semmi xi drawwa folkloristika li lilek tolqtok l-aktar.
- Inti kieku tgħix fi żmien l-imgħoddi, bid-drawwiet folkloristiċi li kellhom?
- Qabbel id-drawwiet marbuta mal-imgħoddi u llum ta' waħda minn dawn: ikel, mewt, twelid, tieġ.

IL-KULTURA: ASPETTI TA' ŻMIENNA
- X'inhi l-"Kultura Maltija"? X'jifforma parti mill-kultura Maltija ta' żmienna?
- Tħobb xi waħda minn dawn ... Letteratura, Mużika, Żfin, Sports ... tkellem fuq tnejn (jew waħda) minn dawn f'Malta ta' żmienna.
- Il-moda llum ... tħobbha? Għaliex? Hemm xi differenzi mal-imgħoddi?
- Qabbel żmien l-imgħoddi ma' tal-lum fejn jidħlu tnejn minn dawn: xogħol, djar, ilbies, passatempi/divertiment, safar, logħob tat-tfal (u kbar), għajxien ...
- Tkellem fuq personalità Maltija li għamlet isem għaliha.
- Dilettant/a ta' xi ħaġa? Għasafar? Klieb? Ħut? Żwiemel? Ħjata? Tisjir? Mużika? Dilettant/a ta' xi ħaġa oħra? Tkellem fuqha.

LINGWA: ASPETTI STORIĊI U TA' ŻMIENNA
- Minn liema lingwi ġej l-Ilsien Malti? + mis-silta (jew le) agħti kelma ta' nisel Semitiku, Rumanz u Anglo-Sassonu.
- Huwa ta' vantaġġ illum li tkun taf aktar minn lingwa waħda? Jew il-Malti biss biżżejjed? / Il-lingwi għandhom ikollhom importanza f'ħajjitna?
- Tarah sabiħ l-Ilsien Malti? Għaliex?
- Il-mezzi ta' komunikazzjoni (televixin, radju, gazzetti eċċ) qegħdin jgħinu u jsaħħu l-Ilsien Malti? Jew qegħdin idgħajfuh?
- Smajt bih Mikiel Anton Vassalli? Taf min hu?



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2012**

Rotta 1

| **Il-Ħames Klassi** | **IL- MALTI** | **L-Oral – Il-Qari** |
|---|---|---|

**(Il-Karta tal-Eżaminatur)**

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tinsiex li l-kandidati jistgħu jħarsu lejn il-karta meta jwieġbu, iżda jridu jwieġbu fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'<u>Malti mitkellem tajjeb</u>)**

## 1 L-Għarab f'Malta

**Wara ħafna attakki, l-Għarab irnexxielhom fl-aħħar jieħdu lill-gżejjer Maltin. Matul il-ħakma tagħhom ħallew influwenza kbira fuq pajjiżna, l-aktar fuq ilsienna, il-biedja u d-drawwiet.**

**Il-parti ta' quddiem li nsibu fl-isem ta' numru ta' rħula żgħar Maltin, il-"Ħal", tfisser raħal, kelma bl-Għarbi li turi post fejn wieħed jieqaf jistrieħ. Għadd ta' studjużi, bħal Sir Temi Zammit u Pietru Pawl Saydon, jaħsbu li l-isem "Mosta" hu mnissel mill-kelma Għarbija *wast*, li tfisser 'nofs'. Dan għaliex il-Mosta tinsab f'nofs il-gżira. Iżda xorta ma nafux jekk kenux l-Għarab li tawha dan l-isem.**

**Huwa maħsub li għal xi żmien ma kenux jgħixu nies fuq il-gżejjer Maltin. Kien hemm biss nagħaġ u ħmir.**

**Ħafna Għarab, l-aktar dawk li kellhom l-artijiet, tgħammdu u saru Nsara.**

**(addattment minn kitba ta' J.J. Camilleri bl-isem ta' *Mill-Istorja*, li dehret fis-*Saghtar*, April 2005, Għadd 270)**

*Punti Ewlenin (Gwida)*

- *x'effett kellhom l-Għarab fuq Malta?*
- *"Ħal" tfisser post fejn wieħed jistrieħ*
- *x'jaħsbu Sir Temi Zammit u Pietru Pawl Saydon fuq il-Mosta?*
- *mhux dejjem kienu jgħixu nies hawn Malta*
- *ħafna Għarab tgħammdu u saru Nsara*



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2012**

Rotta 1

| **Il-Ħames Klassi** | **IL- MALTI** | **L-Oral – Il-Qari** |
|---|---|---|

**(Il-Karta tal-Eżaminatur)**

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tinsiex li l-kandidati jistgħu jħarsu lejn il-karta meta jwieġbu, iżda jridu jwieġbu fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'<u>Malti mitkellem tajjeb</u>)**

## 2 Ir-Redentur tal-Isla

**Hawn ħafna rġiel li huma msemmija għar-Redentur tal-Isla, waħda mill-aktar vari magħrufa li hawn f'Malta. Turi lil Ġesù fi triqtu lejn il-Kalvarju waqt waħda mill-waqgħat taħt il-piż tas-salib.**

**Ħadd ma jaf xejn fuq din il-vara, u lanqas min ħadimha. Imma jaħsbu li fl-1714 il-purċissjoni tal-Passjoni bdiet issir fil-belt tal-Isla u din il-vara kienet hemm. Mela hija tassew antika. Għandha 'l fuq minn tliet mitt sena.**

**Matul iż-żmien sarulha ħafna tibdiliet, l-aktar fil-libsa tal-vara.**

**Fis-sena 1941 sar l-ewwel attakk tal-gwerra fuq il-belt tal-Isla, mill-ajru. U l-vara nġarret lejn post għall-kenn. Marret lura l-Isla fl-1944.**

**Din il-vara mill-ewwel serqet qalb il-poplu tal-Isla, u jmorru jżuruha ħafna Maltin minn kull post ta' Malta.**

**(addattament minn kitba ta' Joseph C. Camilleri li dehret fis-*Sagħtar*, April 2007, Għadd 286)**

***Punti Ewlenin (Gwida)***

- *il-vara tar-Redentur hija popolari ħafna*
- *jaħsbu li ilha teżisti saħansitra anke mill-1714*
- *sarilha ħafna tibdil tul iż-żmenijiet*
- *matul il-gwerra nġarret għal post ta' kenn*
- *ħafna Maltin huma devoti ta' din il-vara*



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2012**

Rotta 1

| **Il-Ħames Klassi** | **IL- MALTI** | **L-Oral – Il-Qari** |
|---|---|---|

**(Il-Karta tal-Eżaminatur)**

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tinsiex li l-kandidati jistgħu jħarsu lejn il-karta meta jwieġbu, iżda jridu jwieġbu fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'<u>Malti mitkellem tajjeb</u>)**

## 3 Sir Paul Boffa

**Jekk hawn ġentlom fl-istorja politika ta' Malta dan huwa żgur Sir Paul Boffa, li għal xi żmien kien Kap tal-Partit Laburista u Prim Ministru ta' Malta.**

**Huwa kien tabib tajjeb ħafna, u għalhekk kien ħafna qrib il-poplu. Huwa fehem sew dan x'kien jonqsu biex il-ħajja tiegħu tkun aħjar. Boffa kien ħafna maħbub mill-ħaddiema. Ħafna minn dawk li tawh il-vot kienu impjegati mat-tarzna, il-post li fih kienu jaħdmu eluf ta' Maltin.**

**Xi ħaġa li dejjem dehret sew f'Boffa hija li huwa dejjem mexa fuq il-prinċipji tiegħu, u qatt ma mexa 'l bogħod minnhom. Kien raġel sod u ta' kelmtu. Ma kienx ta' natural ġellied u kien jobgħod u jaħrab l-inkwiet.**

**It-tabib Boffa miet f'daru f'Raħal Ġdid fl-1962 u huwa midfun fiċ-ċimiterju ta' Ħal Tarxien. Miegħu mietet ġenerazzjoni ta' politiċi li l-impenn u x-xogħol għalihom kien jiġi qabel il-kliem fil-vojt.**

**(addattament minn kitba ta' Sergio Grech, li dehret fil-ħarġa tas-*Saghtar* ta' Marzu 2005, Għadd 269)**

***Punti Ewlenin (Gwida)***

- *min kien Sir Paul Boffa?*
- *ġentlom – tabib tajjeb – maħbub minn kulħadd – raġel ta' kelmtu – ma kienx jgħid kliem fil-vojt u kliemu kien jipprattikah*



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com



**(Il-Karta tal-Eżaminatur)**

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tinsiex li l-kandidati jistgħu jħarsu lejn il-karta meta jwieġbu, iżda jridu jwieġbu fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'<u>Malti mitkellem tajjeb</u>)**

## 4 Il-Pitma

**Hemm pjanta li ma hi xejn bħal pjanti oħrajn. Hija magħmula minn qabda ħjut ħomor li tikber fuq pjanti oħra. Xi kultant tant tkun folta li tiksihom għalkollox. Hija pjanta li tgħix minn fuq pjanti oħra.**

**Hija tgħix billi toħroġ fergħa mal-art u meta tiltaqa' ma' fergħa ta' pjanti oħra tikber madwarha u ddaħħal bħal labar żgħar ġo fiha biex tiekol. Ladarba ssib l-ikel malajr tikber. Dejjem timxi ma' wiċċ l-art tfittex pjanti oħra biex tgħix minn fuqhom. U tiksihom kompletament.**

**Din il-pjanta hija komuni ħafna f'Kemmuna u lejn il-Majjistral ta' Malta.**

**Il-kelma 'pitma' nużawha wkoll biex niddeskrivu bniedem li jkun fitt u diffiċli ħafna biex tikkuntentah.**

**(addattament minn kitba ta' Paul Portelli li dehret fis-*Sagħtar* ta' Mejju 2005, Għadd 271)**

*Punti Ewlenin (Gwida)*

- *x'tip ta' pjanta hi l-pitma?*
- *kif tikber … x'tagħmel?*
- *komuni lejn Kemmuna*
- *il-kelma 'pitma' nużawha wkoll biex niddeskrivu n-nies*



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2012**

Rotta 1

| **Il-Ħames Klassi** | **IL- MALTI** | **L-Oral – Il-Qari** |
|---|---|---|

**(Il-Karta tal-Eżaminatur)**

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tinsiex li l-kandidati jistgħu jħarsu lejn il-karta meta jwieġbu, iżda jridu jwieġbu fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'<u>Malti mitkellem tajjeb</u>)**

## 5 Id-Dar il-Ġdida

**Kif rajtha l-ewwel darba d-dar il-ġdida tagħna mill-ewwel ħadt grazzja magħha. Tinsab fit-tarf tar-raħal, quddiemna għelieqi biss, u ħdejna kamra mdaqqsa li tinfed mad-dar u li missieri qalilna li fl-imgħoddi l-Kavallieri kienu jużawha bħala post fejn iżommu l-munizzjon, l-ixkubetti u x-xwabel, tip ta' maħżen. Mijiet ta' snin ilu. Jiena għall-ewwel meta dħalt fiha ħsibtha li kienet tintuża bħala stalla, għaż-żwiemel. Veru ddiżappuntajt ruħi; kont diġà fattartha f'moħħi li hemmhekk ikollna xi żewġt iżwiemel minn tagħna, u żgur kont inħajjar lil missieri biex indaħħluhom hemm ġew, żewġt iżwiemel sbieħ, bħal dawk li kont nara fuq it-televixin, mingħalija Għarbin isejħulhom, vera sbieħ. Inħobbhom l-annimali jien. Imbagħad kont neħodhom fl-għalqa li għandna ftit 'il bogħod mid-dar u noqgħod insuqhom hemm. Dak gost kieku!**

**(silta mir-rumanz *tikk … tokk … is-sagħtejn*, ta' Edgar Formosa)**

***Punti Ewlenin (Gwida)***

- *fejn tinsab id-dar*
- *kif kienu jużawha l-kamra l-Kavallieri fl-imgħoddi*
- *xi stħajlitha li hija dik il-kamra l-persuna li qiegħda taħseb dan kollu fis-silta?*
- *x'fasslet f'moħħha li tagħmel kieku?*
- *kienet tħobb ħafna l-annimali*



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2012**

Rotta 1

| **Il-Ħames Klassi** | **IL- MALTI** | **L-Oral – Il-Qari** |
|---|---|---|

**(Il-Karta tal-Eżaminatur)**

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tinsiex li l-kandidati jistgħu jħarsu lejn il-karta meta jwieġbu, iżda jridu jwieġbu fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'<u>Malti mitkellem tajjeb</u>)**

## 6 L-Isfida

**Issa waqa' s-skiet fil-bitħa. Ommi u missieri kienu ġewwa ġo waħda mill-kmamar, u għalhekk ma kenux jafu x'qiegħed jiġri barra fil-bitħa. Kulħadd iħares lejja. Ħliefha. Antonjetta. Hi b'għajnejha magħluqa. Siekta. Wieqfa. Dritta. Ma titħarrikx. Sħabi jinċitawni 'l quddiem. "Uriha min int!" "Ejja Mar!" "Hawnx għalik!" "Għaddi inti l-ewwel, imbagħad sfida lilha!"**

**"Żulu," għedtilhom. U bdejt miexja lejn is-salib. Jien daqshekk, ladarba nieħu deċiżjoni b'xejn ma mmur lura minnha. Kont qisni wasalt daqs nofs metru bogħod minnu. Ma nafx eżatt x'ġara wara. Ħassejtni qed nitqalla' u bdejt nirtogħod. Saqajja ħassejthom ċomba u bilkemm flaħt nitfa' l-pass 'il quddiem. Għalaqt għajnejja. Rasi bdiet iddur bija. Kont konxja dak il-ħin li waqa' skiet kbir madwari.**

**(silta mir-rumanz *tikk … tokk … is-sagħtejn*, ta' Edgar Formosa)**

*Punti Ewlenin (Gwida)*

- *il-ġenituri ta' Marija kienu ġod-dar u ma kenux jafu x'qiegħed jiġri fil-bitħa*
- *Antonjetta biss ma tħarisx lejha*
- *sħab Marija jinċitawha*
- *u l-isfida Marija aċċettatha*
- *x'ġara eżatt*
- *waqa' skiet kbir wara dak li ġara*



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2012**

Rotta 1

| **Il-Ħames Klassi** | **IL- MALTI** | **L-Oral – Il-Qari** |
|---|---|---|

**(Il-Karta tal-Istudenti)**

*Aqra sewwa din is-silta, u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi* ***kliemek.***

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb)**

## 1 L-Għarab f'Malta

**Wara ħafna attakki, l-Għarab irnexxielhom fl-aħħar jieħdu lill-gżejjer Maltin. Matul il-ħakma tagħhom ħallew influwenza kbira fuq pajjiżna, l-aktar fuq ilsienna, il-biedja u d-drawwiet.**

**Il-parti ta' quddiem li nsibu fl-isem ta' numru ta' rħula żgħar Maltin, il-"Ħal", tfisser raħal, kelma bl-Għarbi li turi post fejn wieħed jieqaf jistrieħ. Għadd ta' studjużi, bħal Sir Temi Zammit u Pietru Pawl Saydon, jaħsbu li l-isem "Mosta" hu mnissel mill-kelma Għarbija *wast*, li tfisser 'nofs'. Dan għaliex il-Mosta tinsab f'nofs il-gżira. Iżda xorta ma nafux jekk kenux l-Għarab li tawha dan l-isem.**

**Huwa maħsub li għal xi żmien ma kenux jgħixu nies fuq il-gżejjer Maltin. Kien hemm biss nagħaġ u ħmir.**

**Ħafna Għarab, l-aktar dawk li kellhom l-artijiet, tgħammdu u saru Nsara.**

**(addattment minn kitba ta' J.J. Camilleri bl-isem ta' *Mill-Istorja*, li dehret fis-*Saghtar*, April 2005, Għadd 270)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2012**

Rotta 1

| Il-Ħames Klassi | IL- MALTI | L-Oral – Il-Qari |
|---|---|---|

**(Il-Karta tal-Istudenti)**

*Aqra sewwa din is-silta, u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi* ***kliemek****.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb)**

## 2 Ir-Redentur tal-Isla

**Hawn ħafna rġiel li huma msemmija għar-Redentur tal-Isla, waħda mill-aktar vari magħrufa li hawn f'Malta. Turi lil Ġesù fi triqtu lejn il-Kalvarju waqt waħda mill-waqgħat taħt il-piż tas-salib.**

**Ħadd ma jaf xejn fuq din il-vara, u lanqas min ħadimha. Imma jaħsbu li fl-1714 il-purċissjoni tal-Passjoni bdiet issir fil-belt tal-Isla u din il-vara kienet hemm. Mela hija tassew antika. Għandha 'l fuq minn tliet mitt sena.**

**Matul iż-żmien sarulha ħafna tibdiliet, l-aktar fil-libsa tal-vara.**

**Fis-sena 1941 sar l-ewwel attakk tal-gwerra fuq il-belt tal-Isla, mill-ajru. U l-vara nġarret lejn post għall-kenn. Marret lura l-Isla fl-1944.**

**Din il-vara mill-ewwel serqet qalb il-poplu tal-Isla, u jmorru jżuruha ħafna Maltin minn kull post ta' Malta.**

**(addattament minn kitba ta' Joseph C. Camilleri li dehret fis-*Sagħtar*, April 2007, Għadd 286)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2012**

Rotta 1

| **Il-Ħames Klassi** | **IL- MALTI** | **L-Oral – Il-Qari** |
|---|---|---|

**(Il-Karta tal-Istudenti)**

*Aqra sewwa din is-silta, u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi* ***kliemek****.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb)**

## 3 Sir Paul Boffa

**Jekk hawn ġentlom fl-istorja politika ta' Malta dan huwa żgur Sir Paul Boffa, li għal xi żmien kien Kap tal-Partit Laburista u Prim Ministru ta' Malta.**

**Huwa kien tabib tajjeb ħafna, u għalhekk kien ħafna qrib il-poplu. Huwa fehem sew dan x'kien jonqsu biex il-ħajja tiegħu tkun aħjar. Boffa kien ħafna maħbub mill-ħaddiema. Ħafna minn dawk li tawh il-vot kienu impjegati mat-tarzna, il-post li fih kienu jaħdmu eluf ta' Maltin.**

**Xi ħaġa li dejjem dehret sew f'Boffa hija li huwa dejjem mexa fuq il-prinċipji tiegħu, u qatt ma mexa 'l bogħod minnhom. Kien raġel sod u ta' kelmtu. Ma kienx ta' natural ġellied u kien jobgħod u jaħrab l-inkwiet.**

**It-tabib Boffa miet f'daru f'Raħal Ġdid fl-1962 u huwa midfun fiċ-ċimiterju ta' Ħal Tarxien. Miegħu mietet ġenerazzjoni ta' politiċi li l-impenn u x-xogħol għalihom kien jiġi qabel il-kliem fil-vojt.**

**(addattament minn kitba ta' Sergio Grech, li dehret fil-ħarġa tas-*Sagħtar* ta' Marzu 2005, Għadd 269)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2012**

Rotta 1

| **Il-Ħames Klassi** | **IL- MALTI** | **L-Oral – Il-Qari** |
|---|---|---|

**(Il-Karta tal-Istudenti)**

*Aqra sewwa din is-silta, u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi* ***kliemek****.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb)**

## 4 Il-Pitma

**Hemm pjanta li ma hi xejn bħal pjanti oħrajn. Hija magħmula minn qabda ħjut ħomor li tikber fuq pjanti oħra. Xi kultant tant tkun folta li tiksihom għalkollox. Hija pjanta li tgħix minn fuq pjanti oħra.**

**Hija tgħix billi toħroġ fergħa mal-art u meta tiltaqa' ma' fergħa ta' pjanti oħra tikber madwarha u ddaħħal bħal labar żgħar ġo fiha biex tiekol. Ladarba ssib l-ikel malajr tikber. Dejjem timxi ma' wiċċ l-art tfittex pjanti oħra biex tgħix minn fuqhom. U tiksihom kompletament.**

**Din il-pjanta hija komuni ħafna f'Kemmuna u lejn il-Majjistral ta' Malta.**

**Il-kelma 'pitma' nużawha wkoll biex niddeskrivu bniedem li jkun fitt u diffiċli ħafna biex tikkuntentah.**

**(addattament minn kitba ta' Paul Portelli li dehret fis-*Saghtar* ta' Mejju 2005, Ghadd 271)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2012**

Rotta 1

| **Il-Ħames Klassi** | **IL- MALTI** | **L-Oral – Il-Qari** |
|---|---|---|

**(Il-Karta tal-Istudenti)**

*Aqra sewwa din is-silta, u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi* ***kliemek****.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb)**

## 5 Id-Dar il-Ġdida

**Kif rajtha l-ewwel darba d-dar il-ġdida tagħna mill-ewwel ħadt grazzja magħha. Tinsab fit-tarf tar-raħal, quddiemna għelieqi biss, u ħdejna kamra mdaqqsa li tinfed mad-dar u li missieri qalilna li fl-imgħoddi l-Kavallieri kienu jużawha bħala post fejn iżommu l-munizzjon, l-ixkubetti u x-xwabel, tip ta' maħżen. Mijiet ta' snin ilu. Jiena għall-ewwel meta dħalt fiha ħsibtha li kienet tintuża bħala stalla, għaż-żwiemel. Veru ddiżappuntajt ruħi; kont diġà fattartha f'moħħi li hemmhekk ikollna xi żewġt iżwiemel minn tagħna, u żgur kont inħajjar lil missieri biex indaħħluhom hemm ġew, żewġt iżwiemel sbieħ, bħal dawk li kont nara fuq it-televixin, mingħalija Għarbin isejħulhom, vera sbieħ. Inħobbhom l-annimali jien. Imbagħad kont neħodhom fl-għalqa li għandna ftit 'il bogħod mid-dar u noqgħod insuqhom hemm. Dak gost kieku!**

**(silta mir-rumanz *tikk … tokk … is-sagħtejn*, ta' Edgar Formosa)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2012**

Rotta 1

| **Il-Ħames Klassi** | **IL- MALTI** | **L-Oral – Il-Qari** |
|---|---|---|

**(Il-Karta tal-Istudenti)**

*Aqra sewwa din is-silta, u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi* ***kliemek****.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb)**

## 6 L-Isfida

**Issa waqa' s-skiet fil-bitħa. Ommi u missieri kienu ġewwa ġo waħda mill-kmamar, u għalhekk ma kenux jafu x'qiegħed jiġri barra fil-bitħa. Kulħadd iħares lejja. Ħliefha. Antonjetta. Hi b'għajnejha magħluqa. Siekta. Wieqfa. Dritta. Ma titħarrikx. Sħabi jinċitawni 'l quddiem. "Uriha min int!" "Ejja Mar!" "Hawnx għalik!" "Għaddi inti l-ewwel, imbagħad sfida lilha!"**

**"Żulu," għedtilhom. U bdejt miexja lejn is-salib. Jien daqshekk, ladarba nieħu deċiżjoni b'xejn ma mmur lura minnha. Kont qisni wasalt daqs nofs metru bogħod minnu. Ma nafx eżatt x'ġara wara. Ħassejtni qed nitqalla' u bdejt nirtogħod. Saqajja ħassejthom ċomba u bilkemm flaħt nitfa' l-pass 'il quddiem. Għalaqt għajnejja. Rasi bdiet iddur bija. Kont konxja dak il-ħin li waqa' skiet kbir madwari.**

**(silta mir-rumanz *tikk … tokk … is-sagħtejn,* ta' Edgar Formosa)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2012**

Rotta 1

**IL-ĦAMES KLASSI** | **IL-MALTI** | **IL-ĦIN: SAGĦTEJN**

L-Isem: ______________________ Il-Klassi: _________

**ISTRUZZJONIJIET LILL-KANDIDAT/A:**

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.
2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

**GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA**

**L-ISKEMA TAL-MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | Oral | **Total** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 12 | 24 | 12 | 22 | 20 | 10 | **100** |
| Marki tal-istudent/a | | | | | | | |

**KUMMENTI**

______________________________________________________________________
______________________________________________________________________
______________________________________________________________________
______________________________________________________________________
______________________________________________________________________
______________________________________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ

Aqra sewwa din is-silta, u wara wieġeb il-mistoqsijiet:

**JIEN**

Dejjem inħalli lampa ċkejkna tixgħel ħdejja billejl. Fuq il-komodina. Eżatt eżatt ma nafx għalfejn, għax issa kbirt u ma għadnix tifla żgħira. Il-bozza hija minn dawk il-batuti ngħidilhom jien, ftit li xejn tarmi dawl, imma għall-inqas dak id-dawl ikrah ikun miksur b'dak ix-xaqq dgħajjef ta' dawl. Dik li hekk kif inneħħi l-liżar minn fuq wiċċi meta nistenbaħ u nkun nista' nara xi ftit tad-dawl fil-kamra għalija huwa wens kbir. Naf għalfejn daħlet ġo fija din id-drawwa. Meta kont għadni tifla żgħira, ħafna iżgħar milli jien illum, dik ix-xita ttektek mal-persjana u r-riħ ivenven u jingħi u jonfoħ u jokrob u jibki billejl kienu jwerwruni, kont naħsibhom xi ruħ imdejqa għaddejja tiġri fit-triq, mitlufa, waħedha, bla ħadd min iridha. U dik it-tisfira maħnuqa tar-riħ hu u jonfoħ biex jgħaddi minn bejn iċ-ċaċċis tat-tieqa ta' kamarti u l-ħajt kont nistħajjilha r-ruħ qiegħda tipprova tidħolli fil-kamra u, hekk kif tara li ma tistax, issejjaħli b'leħen batut, "Ejja, ejja miegħi, Marija, Marì, ejja miegħi." Lili biss. Jien. Ma, x'biża' jaqbadni meta niftakar.

(silta meħuda mir-rumanz *tikk ... tokk ... is-sagħtejn*, miktub minn Edgar Formosa)

## A. FEHIM IT-TEST (12-il marka)

1. Agħżel it-tweġiba t-tajba billi tagħmel sing taħtha. (6 marki)

i. Marija dejjem tħalli (ktieb, pupa, lampa ċkejkna, tazza ilma) ħdejha billejl.

ii. Meta Marija tistenbaħ u tneħħi l-liżar minn fuq wiċċha, tkun trid tara (t-tieqa miftuħa, xi ftit tad-dawl, lil ommha rieqda ħdejha, il-linfa mixgħula).

iii. Il-ħsejjes ta' barra t-triq Marija tistħajjilhom (qabda qtates jingħu, salt nies jiġġieldu, ruħ għaddejja tiġri fit-triq, ajruplan għaddej fil-għoli).

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

2. Kompli jew lesti t-tweġiba. (6 ma

i. Min jew xiex beda jonfoħ biex jgħaddi minn bejn iċ-ċaċċis tat-tieqa u l-ħajt?

Ir- _________ beda jonfoħ biex jgħaddi minn bejn iċ-ċaċċis tat-tieqa u l-ħajt.

ii. Għalfejn tibża' Marija meta tiftakar f'dawk il-ħsejjes ta' barra billejl?

Marija tibża' ħafna għax terġa' tibda timmaġina lil ________ imd_____ hi u tgħaddi tiġri mit-triq, waħedha.

## B. LINGWA (24 marka)

1. *Immarka l-Verbi b'sing taħthom*. L-ewwel waħda lesta. (8 marki)

i. Pawlu jilgħab kuljum bir-rota fil-ġnien.

ii. Jiena nħobb naqra ktieb wieħed fil-ġimgħa.

iii. "Mur orqod," qalet l-omm lil binha.

iv. Nieħu gost nara lill-arċiera jisparaw il-vleġeġ.

2. *Aqleb mill-Maskil għall-Femminil*. L-ewwel waħda lesta. (4 marki)

| | |
|---|---|
| i. Il-missier u t-tifel ħarġu passiġġata. | i. L-omm u t-tifla ħarġu passiġġata. |
| ii. Ir-raġel iħobb ħafna l-ħobż biż-żejt. | ii. _______ _______ ħafna l-ħobż biż-żejt. |
| iii. Il-qattus ħarab malajr. | iii. Il-_________ _________ malajr. |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

3. *Sib il-kelma t-tajba mill-kaxxa t'isfel bħal fl-eżempju.* (6 m

i. Jiena għandi **saqajja** (is-saqajn tiegħi) b'saħħithom ħafna.

ii. _________________ (Tfajt il-kotba) fuq is-sodda.

iii. Dik il-karozza ______________. (ta' Marija)

iv. _________________ (Fil-basktijiet) ħa ssib ħafna flus.

v. Peppi _____________ (laqat lilna) meta waddab l-ilma, imma wara ______________ (sibna lilu) u xarrabnieh.

vi. Aħna nħobbu _____________ (il-verb *ra* fil-preżent) ħafna l-films.

| |
|---|
| Fihom, naraw, laqatna, **saqajja**, tagħha, sibnieh, Tfajthom. |

4. *Imla l-vojt bil-kelma t-tajba mill-kaxxa t'isfel, bħal fl-eżempju.* (6 marki)

Karmenu Vassallo **twieled** fis-Siġġiewi fit-18 ta' Marzu 1913. Qatta' tfulitu ______________ ma' sħabu fit-toroq tar-raħal. Studja ħafna lingwi, fosthom il-Latin, it-Taljan u l-______________. Daħal jaħdem bħala _______________ mal-gazzetta *Leħen is-Sewwa*, u wara sar editur tal-gazzetta *Il-Berqa*. Huwa _____________ mill-aqwa għax kiteb ħafna poeżiji sbieħ, fosthom *Tifkiriet ta' Tfuliti*. Huwa ______________ lil Marija Vassallo u kellu sebat itfal. Huwa ___________ fis-7 ta' April 1987.

| |
|---|
| **twieled**, ġurnalista, żżewweġ, miet, poeta, jilgħab, Malti. |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## Ċ. MALTI PRATTIKU (12-il mar

Irranġa dawn is-sentenzi wara xulxin bin-numri 2 sa 7 ħalli turi sew kif għandek tispara vleġġa bil-qaws. L-ewwel waħda hija lesta.

| | |
|---|---|
| Ara li l-qaws qed iżżommu sew imma mhux b'saħħa, u li tkun rilassat/a. | |
| Ikkonċentra sew lejn fejn ħa tispara, u immira. | |
| Għolli l-qaws bil-mod, u mbagħad niżżlu ħelu ħelu bi dritt fejn ħa tispara. | |
| Iġbed idek lura, dik li żżomm il-ħajta li magħha hemm il-vleġġa. Idek ix-xellugija, jekk inti lemini/ja, trid tkun dritta quddiemek iżżomm il-qaws. | |
| Itlaq il-ħajta bil-vleġġa, u ħu gost tara l-vleġġa sejra dritta dritta lejn fejn immirajt. | |
| Oqgħod dritt/a bilwieqfa quddiem dak li ħa timmira għalih. | **1** |
| U waqt li qed timmira żomm rasek dritta, importanti ħafna. | |

## D. LETTERATURA (22 marka)

1. ***Poeżija***. Aqra sew din is-silta ta' poeżija, u wara wieġeb. (11-il marka)

u ġemgħa bil-ħrara
ma' biebna biex tara
sbuħitna,
imħabbitna;
u xita ta' ross
li niżlet għal fuqna bla ħoss;
imb'għad ix-xampanja
li tfawwar bil-qawwa,
bir-ragħwa,
u l-kejk qisu torri bajdan,
u l-foxtrot, u t-tango, u l-waltzer,
u s-sakra u ż-żifna
tal-qraba u l-ħbieb;

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

i. Il-poeżija li minnha hi meħuda din is-silta jisimha *“Nif*________” u ki

Anton But___________. Tinsab fit-Taqsima *“Tif*____________”.

ii. X’riedet tara l-ġemgħa bil-ħrara?

(a) biebna, (b) sbuħitna u mħabbitna, (ċ) ir-ross nieżel għal fuqhom.

iii. X’kien qisu l-kejk?

(a) tango, (b) torri bajdan, (ċ) jixbah lil tal-ħbieb.

iv. Xi tfisser *imb’għad ix-xampanja/li tfawwar bil-qawwa,/bir-ragħwa* … ?

(a) kif tiftaħ it-tapp tfur u tagħmel ħafna ragħwa, (b) hija qawwija ħafna u ssakkar lil dak li jkun, (ċ) mhux tajba x-xampanja.

v. Fil-poeżija proprja nsibu kuntrast qawwi bejn l-ewwel parti u t-tieni parti tagħha. Bejn xiex huwa l-kuntrast? (agħżel il-kelma mill-kaxxa ta’ isfel)

Il-kuntrast jinsab bejn is-__________ tat-________ tal-poeta ma’ martu, imqabbel mal-____________ tad-___________ wara l-___________ tal-istess martu.

| kruha, mewt, sbuħija, difna, tieġ. |
|---|

2. ***Proża***

Aqra sew din is-silta ta’ proża, u wara wieġeb. (11-il marka)

Meta tlitt ijiem wara rġajt mort nara film ieħor, ittamajt li se naraha. Iżda ma rajthiex. Għaddew xi tliet ġimgħat u ma ħsibtx aktar fiha. Kien sewwa sew quddiem it-teatru l-imwaqqa’ li rġajt ġejt wiċċ imb wiċċ magħha. Għarfitni u waqfet tkellimni minnufih. Ma nafx x’għedna u x’m’għedniex, u jien, f’nofs il-fixla li qabditni, offrejtilha nwassalha d-dar. Ma nafx x’fettilli. Imma hi aċċettat bla tlaqliq u f’ħakka t’għajn kienet maġenbi fi triqitna lejn Birkirkara.

“Taħdem?” staqsietni wara ftit.

“Naħdem maz-ziju … fin-negozju …” weġibtha.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

i. Din is-silta hija meħuda minn silta itwal li jisimha "L-Ewwel Darba ______________________", u kitibha T___________ Z___________.

ii. Għalfejn wara tlitt ijiem reġa' mar jara film ieħor?

(a) għax iħobb jara l-films,

(b) biex forsi jerġa' jara t-tfajla li għoġbitu,

(ċ) biex jeħles mid-dwejjaq tad-dar.

iii. Fejn reġa' ltaqa' magħha wara tliet ġimgħat?

(a) quddiem it-teatru l-imwaqqa',

(b) ħdejn it-*Teatru Manoel*,

(ċ) fejn kjosk.

iv. Meta tfixkel, x'għamel?

(a) ħmar u beda jtemtem,

(b) għalaq ħalqu u ma qalx kelma oħra,

(ċ) offrielha li jwassalha d-dar.

v. Fejn kien jaħdem il-karattru prinċipali tas-silta?

Kien jaħdem ma' z_______ fin-n____________.

vi. Iż-żewġ żgħażagħ tas-silta jisimhom:

(a) Dwardu u Rita,

(b) Frans u Rosie,

(ċ) Trevor u Doris.

vii. Fil-bqija tas-silta naraw li ż-żewġ żgħażagħ iqabblu lilhom infushom ma'

A_________ u E__________ fil-ġnien tal-E________.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

## E. KITBA TA' SENTENZI/PARAGRAFI (20 mar

Ikteb madwar 250 kelma dwar **WIEĦED** minn dawn fuq karta separata.

i. BBQ fuq il-bejt ma' sħabi

ii. Il-kelb tal-ħabib/a tiegħi

iii. L-avventura li ġratli fuq l-*Arriva*

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers